



Brussell, 2 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

12693/19

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)
2018/0217(COD)
2018/0218(COD)

**AGRI 475
AGRILEG 165
AGRIFIN 58
AGRISTR 57
AGRIORG 59
CODEC 1442
CADREFIN 335**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura / Kunsill
Nru dok. Cion:	9645/18 + COR1 + ADD1 9634/18 + COR1 + ADD1 9556/18 + REV1 (en, de, fr) + COR1
Suġġett:	Il-pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020 a) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jiffasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 c) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u r-Regolament (UE) Nru 229/2013 li jstabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew - Dokument tal-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali

Bi tħejjija għall-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tal-14 u l-15 ta' Ottubru 2019, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dokument tal-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali b'rabta mas-suġġett imsemmi hawn fuq, inkluż mistoqsija li għandha tiggwida d-dibattitu ministerjali.

Fil-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura tas-7 ta' Ottubru 2019, id-delegazzjonijiet ser jintalbu japprovaw il-mistoqsija u jikkondividu l-fehmiet preliminari tagħhom dwarha, mingħajr preġudizzju għad-dibattitu tal-Kunsill.

IS-SITWAZZJONI ATTWALI B'RABTA MAR-RIFORMA TAL-PAK

Hekk kif ninsabu f'nofs il-Presidenza Finlandiża, nixtiequ nqisu s-sitwazzjoni attwali tal-pakkett ta' riforma tal-PAK u nidentifikaw is-suġġetti li, fil-fehma tal-Presidenza, ikunu jeħtieġu aktar ħidma. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jiddeskrivi s-sitwazzjoni attwali ta' kull wieħed mir-Regolamenti tal-PAK u jiddeskrivi l-passi li jmiss għax-xhur li ġejjin.

Sar progress sostanzjali kemm matul il-Presidenza Awstrijaka kif ukoll dik Rumena, u saru ħafna diskussjonijiet fil-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu minn meta l-proposti ġew ippreżentati taħt il-Presidenza Bulgara. Abbażi ta' dik il-ħidma, il-Presidenza Finlandiża qed tkompli tmexxi 'l quddiem kemm id-diskussjonijiet tekniċi kif ukoll dawk politiċi dwar it-tliet Regolamenti. Il-ħidma li saret s'issa u l-kwistjonijiet pendent huma miġbura fil-qosor fl-anness.

Il-ħsieb tal-Presidenza hu li tkompli d-diskussjoni teknika dwar l-elementi elenkati fl-anness u li tuża ż-żewġ laqgħat tal-"Kunsill Agrikoltura u Sajd" li ġejjin f'Novembru u Diċembru biex tiddiskuti l-ambizzjoni ambjentali ogħla tal-PAK u l-Mudell ta' Implimentazzjoni l-Ġdid.

Barra minn hekk, il-Presidenza biħsiebha tippreżenta suġġerimenti ta' abbozzar aġġornati dwar it-tliet Regolamenti sa kmieni f'Diċembru.

Fid-dawl tal-progress deskritt fl-anness u b'kont meħud li xi wħud mill-kwistjonijiet ser jeħtieġu aktar diskussjoni fil-livell tekniku u dak politiku, filwaqt li l-eżitu tal-QFP għadu wkoll inċert, il-Kunsill huwa mistieden jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar il-mistoqsija li ġejja:

Liema huma l-elementi kruċjali tal-proposti għar-riforma tal-PAK li fl-opinjoni tal-Ministri jeħtieġu aktar diskussjoni?

INTRODUZZJONI

Il-proposta għal riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija magħmula mit-tliet Regolamenti li ġejjin:

- Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, li huwa l-element ta' qofol tal-pakkett ta' riforma; dan jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti, l-interventi settorjali u l-iżvilupp rurali, u jipprevedi bidla għal mudell ġdid ta' implimentazzjoni bbażat fuq il-prestazzjoni ("**Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi**");
- Regolament dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-PAK ("**Regolament Orizzontali**");
- Regolament li jemenda u jaġġorna r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 dwar organizzazzjoni komuni tas-suq fi prodotti agrikoli (CMO), (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi u (UE) Nru 229/2013 dwar il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew ("**Regolament emendatorju**").

SITWAZZJONI ATTWALI TAR-REGOLAMENT DWAR IL-PJANIJIET STRATEĠIĊI TAL-PAK

Mill-bidu ta' Lulju, il-Presidenza Finlandiża organizzat erba' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali (WP HAQ) li b'kollox damu sebat ijiem ta' xogħol biex tiġi żviluppata aktar il-proposta abbażi tal-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet kemm matul il-laqgħat kif ukoll fil-forma ta' kummenti bil-miktub. Abbażi ta' dokumenti ta' diskussjoni tal-Presidenza u dokumenti ta' ħidma tal-Kummissjoni, saru skambji ta' fehmiet dwar elementi speċifiċi tal-proposta. Kull wieħed mill-elementi huwa deskritt hawn taħt.

Aspetti ambjentali u relatati mal-klima

Fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tal-15 ta' Lulju 2019, il-Ministri kellhom skambju ta' fehmiet dwar l-aspetti ambjentali u relatati mal-klima tal-PAK ta' wara l-2020 abbażi ta' dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza (10622/19). Il-Ministri ntalbu jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-elementi l-aktar essenzjali tal-proposta tal-Kummissjoni u biex jirriflettu fuq titjib possibbli meħtieġ biex jinkiseb il-livell oġhla mixtieq ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika.

Bħal fil-passat, bosta delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ tagħhom fil-prinċipju għall-**ogħla livell ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika** tal-PAK futura proposta mill-Kummissjoni. Madankollu, id-delegazzjonijiet enfasizzaw li kien importanti li jiġi żgurat finanzjament adegwat biex il-PAK tkun tista' tilħaq iż-żieda fl-ambizzjoni, li jitnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-awtoritajiet u li l-Istati Membri jkunu jistgħu jqisu l-ħtiġijiet lokali fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ambjentali u dawk relatati mal-klima. Reazzjonijiet oħra kienu relatati mal-istandards individwali tas-sistema ta' kondizzjonalità, li huma soġġetti għal aktar xogħol tekniku, u l-ħtieġa li jiġu żgurati dispożizzjonijiet sempliċi u li jinftiehmu kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali/lokali. Barra minn hekk, id-diskussjonijiet tal-Laqgħa informali tal-Ministri għall-Agrikoltura ffukaw fuq it-tfassil mill-ġdid tar-rwol tal-bdiewa fl-azzjoni klimatika u, b'mod partikolari, fis-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija.

Il-Presidenza għandha l-għan li f'Novembru tkompli d-diskussjoni dwar l-aspetti ambjentali u dawk relatati mal-klima tal-PAK fil-laqgħat tal-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura (KSA). Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali (WP HAQ) diġà ddiskuta l-ekoskemi, il-kondizzjonalità u l-kontroll u s-sanzjonijiet relatati, il-kamp ta' applikazzjoni tad-delimitazzjoni ta' 30 % taħt il-FAEŻR, kif ukoll it-trattament tal-bdiewa żgħar fil-qafas tal-kondizzjonalità. Dan is-suġġett ser ikun fuq l-aġenda tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tat-18 ta' Novembru 2019.

Flessibbiltà finanzjarja fil-qafas tal-pagamenti diretti

Abbażi tal-kummenti bil-miktub tal-Istati Membri u tad-diskussjoni fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd", il-Prezidenza stiednet lill-WP HAQ u lill-KSA biex jiddiskutu dwar il-**flessibbiltà finanzjarja fil-qafas tal-pagamenti diretti**. Jidher li dan is-suġġett huwa fost il-prioritajiet ewlenin għad-delegazzjonijiet biex il-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid jaħdem. It-tfassil ewleni tal-Istati Membri kien: i) id-diffikultà fl-ippjanar minn qabel tal-fondi li għandhom jiġu rizerwati għall-ekoskemi u għall-iskema favur il-bdiewa żgħażaġh; ii) il-ħtieġa li jiġi żgurat li s-sottożekuzzjoni u s-sovrażekuzzjoni ta' dawk l-iskemi ma jirriżultax f'telf ta' fondi għall-Istat Membru kkonċernat.

Il-Prezidenza ssuġġeriet li tiżgura l-flessibbiltà mixtieqa billi tippermetti lill-Istati Membri jiffissaw **ammonti unitarji massimi u minimi** (12045/19). Dan jestendi l-kunċett ta' ammont massimu/varjazzjoni massima fl-Artikolu 89(1) tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK billi jippermetti li l-ammont unitarju miksub ma jkunx biss *ogħla*, iżda wkoll *aktar baxx* mill-ammont unitarju ppjanat f'sena partikolari, fil-limiti tal-ammont minimu/massimu ġġustifikat fil-Pjan. Il-bidla ssuġġerita tagħmilha possibbli li jitnaqqsu l-ammonti unitarji ppjanati għall-interventi fil-forma ta' pagamenti diretti għall-minimu stabbilit fil-Pjan u li jintużaw il-fondi lliberati għal interventi oħra fejn ikunu meħtieġa aktar fondi.

Matul id-diskussjoni fil-KSA fis-16 ta' Settembru, l-Istati Membri laqgħu l-flessibbiltà ssuġġerita, li huma qiesu li tmur fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, xi Stati Membri talbu l-possibbiltà li jwessgħu l-ambitu tagħha għal interventi mhux ibbażati fuq is-superficije bħal tipi ta' interventi settorjali, investimenti eċċ. Xi Stati Membri appellaw ukoll biex jinżamm finanzjament suffiċjenti għall-ekoskemi u talbu li ssir aktar ħidma fuq kif jiġu evitati fondi li ma ntefqux f'każ li l-iskemi msemija hawn fuq jintużaw inqas milli kemm ippjanat.

Tipi ta' interventi settorjali

Fis-16 ta' Settembru l-KSA iddiskuta s-suġġerimenti ta' abbozzar tal-Presidenza dwar it-tipi ta' interventi settorjali, prinċipalment dwar l-ambitu u l-forom ta' kooperazzjoni tas-**"setturi oħra"** li għandhom jiġu koperti mill-appoġġ tal-Unjoni. Il-Presidenza ssuġġeriet b'mod partikolari li jiġi introdott Anness ġdid [x], li jkun fih il-lista ta' prodotti eliġibbli abbażi ta' lista ekwivalenti ta' prodotti stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (jiġifieri r-**"Regolament dwar l-OKS"** attwali, u minnu ssir **"migrazzjoni"** sostanzjali tal-interventi settorjali lejn ir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi).

Il-maġġoranza tal-Istati Membri qiesu li l-lista ta' prodotti fl-Anness issuġġerit għandha tkun waħda magħluqa, mhux l-inqas għal raġunijiet ta' ċertezza legali. Rigward il-**forom ta' kooperazzjoni**, il-Presidenza żammet l-idea tal-Presidenza Rumena li jkunu previsti aktar possibbiltajiet għal kooperazzjoni: għaldaqstant, jingħata appoġġ mhux biss lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew lill-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti, iżda wkoll lil forom oħra ta' kooperazzjoni skont il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull Stat Membru. Il-Presidenza ssuġġeriet ukoll xi rfinar tekniku tal-Artikoli relatati mat-tipi ta' interventi settorjali.

Il-Presidenza tqis l-**objettivi ambjentali u klimatiċi** tal-programmi operattivi bħala parti mill-ambizzjoni ambjentali u klimatika ġenerali tal-PAK u għalhekk ser tmur lura għall-kwistjoni f'Novembru, meta l-aspetti ambjentali u dawk relatati mal-klima jkunu fuq l-aġenda.

Definizzjonijiet

Bil-ħsieb li jinstab kompromess fir-rigward tad-definizzjonijiet u l-kondizzjonijiet relatati, il-Presidenza ssuġġeriet modifiki kemm għall-Artikoli 3 u 4, għalkemm dawk fl-Artikolu 3 kienu magħmula minn kjarifiki purament tekniċi.

Id-diskussjoni fil-KSA fit-23 ta' Settembru (12268/19) iffukat b'mod partikolari fuq id-definizzjonijiet ta' **"ettaru eliġibbli"** u **"bidwi ġenwin"**. Fir-rigward ta' **"ettaru eliġibbli"**, is-suġġerimenti għall-abbozzar kellhom l-għan li jqisu aħjar l-ambizzjoni ambjentali u klimatika tal-politika. L-Istati Membri laqgħu s-suġġerimenti għall-abbozzar proposti, għalkemm ħafna delegazzjonijiet qiesu li kien għad hemm bżonn ta' aktar ħidma teknika.

Rigward "**bidwi ġenwin**", il-Presidenza ssuġġeriet li tinżamm applikazzjoni volontarja ta' din id-definizzjoni u ppreżentat żewġ alternattivi li għandhom jitqiesu mill-Istati Membri. Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet ippreferew l-għażla nru 1 li ttiprovdi aktar flessibbiltà lill-Istati Membri billi tippermettilhom jiddefinixxu "bdiewa ġenwini" skont "kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji", mingħajr ebda referenza speċifika għall-importanza tal-attività agrikola *vis-à-vis* l-attivitajiet ekonomiċi ġenerali tal-bidwi.

Żvilupp rurali

Il-Presidenza ppreżentat is-suġġerimenti tagħha għall-abbozzar dwar it-tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali lill-WP HAQ fil-25 ta' Settembru.

L-Istati Membri laqgħu l-parti l-kbira tas-suġġerimenti għall-abbozzar. Madankollu, dawn għad iridu jiġu kkunsidrati aktar, speċjalment l-Artikolu 68 dwar l-**investimenti**. L-Istati Membri kellhom opinjonijiet diverġenti, b'mod partikolari b'rabta ma': i) kif jiġu definiti eċċezzjonijiet limitati għall-użu ta' strumenti finanzjarji għax-xiri tal-art; ii) f'liema livell għandha tiġi stabbilita rata massima ta' appoġġ għall-investimenti produttivi.

Servizzi ta' Konsulenza għall-Azjendi Agrikoli

Fit-12 ta' Settembru, il-WP HAQ iddiskuta s-Servizzi ta' Konsulenza għall-Azjendi Agrikoli, u l-Presidenza ppreżentat xi suġġerimenti għall-abbozzar biex dawn jitqiesu mill-Istati Membri.

Id-diskussjoni ffokat b'mod partikolari fuq kif jiġi deskritt il-kontenut meħtieġ tal-Għodda ta' Sostenibbiltà għall-Azjendi Agrikoli b'rabta man-Nutrijenti (FaST) fl-Artikolu 13. Xi Stati Membri esprimew ukoll il-preferenza tagħhom li jużaw l-għodod nazzjonali eżistenti tagħhom bħala sostitut għall-FaST. Fil-fehma tal-Presidenza, l-oġġettiv ewlieni għandu jkun l-iżvilupp ta' għodda li hija faċli biex tintuża u li, flimkien ma' servizzi ta' konsulenza tajba, tgħin lill-bdiewa biex itejbu l-bilanċ ta' nutrijenti tagħhom.

Peress li għad hemm bżonn ta' aktar xogħol tekniku, il-Presidenza talbet lill-Kummissjoni biex torganizza sessjoni ta' ħidma għall-esperti, fejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar it-tnejn tal-għodod diġitali rilevanti.

Il-Mudell ta' Implimentazzjoni l-Ġdid (NDM)

L-Istati Membri ddiskutew din il-kwistjoni fil-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" u l-korpi preparatorji tiegħu sa mill-Presidenza Awstrijaka, u l-Kummissjoni pprovdiet bosta kjarifiki u spjegazzjonijiet kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub. Abbażi tal-progress sostanzjali li sar taħt il-Presidenzi preċedenti, id-delegazzjonijiet ddiskutew aktar xi wħud mill-elementi ta' dan il-mudell - jiġifieri l-indikaturi, l-ammonti unitarji għal interventi mhux ibbażati fuq is-superfiċi/ibbażati fuq l-annimali, il-frekwenza tal-istadji importanti (bi preferenza għall-istadji importanti biennali, kif propost mill-Presidenza Rumena) u tar-rieżami tal-prestazzjoni, u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni.

Billi l-bidla lejn il-politika l-ġdida bbażata fuq il-prestazzjoni hija waħda sostanzjali, din teħtieġ kunsiderazzjoni bir-reqqa sabiex l-Istati Membri, il-bdiewa u benefiċjarji oħra jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet ta' simplifikazzjoni li din il-bidla tista' ġġib fil-prattika.

Għalhekk, il-Presidenza ser tkompli d-diskussjoni kemm fil-KSA kif ukoll fil-livell tal-Kunsill u ser tippreżenta suġġerimenti għall-abbozzar dwar kif l-NDM isir prattiku u aktar faċli biex jiġi implimentat fl-Istati Membri.

IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAR-REGOLAMENT ORIZZONTALI

Mill-bidu ta' Lulju, il-Presidenza organizzat tliet laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrofinanzjarji (WP AGRIFIN) biex tiġi diskussa u żviluppata aktar il-proposta. Abbażi tad-diskussjoni, il-Presidenza tqis li r-Regolament Orizzontali huwa ġeneralment stabbli fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra għajr dawk relatati mar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

Sabiex il-funzjonament tal-NDM ikun aktar ċar, il-Kummissjoni pprovdiet aktar preżentazzjonijiet u l-Grupp ta' Ħidma AGRIFIN iddiskuta l-NDM mil-lenti tar-Regolament Orizzontali. Il-Presidenza ser tikkunsidra emendi għall-Artikoli relatati mal-NDM tar-Regolament Orizzontali jekk l-iżviluppi fir-Regolament dwar il-Pjan Strateġiku jirrikjedu dan.

Il-Grupp ta' Ħidma AGRIFIN iddiskuta wkoll il-prinċipju ta' Awditu Uniku u l-kontrolli mill-Kummissjoni fl-Istati Membri (l-Artikoli 46-47).

L-iskrutinju ta' tranżazzjonijiet (l-Artikoli 74-83) huwa qasam fejn l-Istati Membri għad għandhom fehmiet differenti dwar il-livell ta' kontroll li għandu jinżamm fl-att bażiku, minkejja s-simplifikazzjoni li diġà nkisbet permezz ta' suġġerimenti għall-abbozzar tal-Presidenza Awstrijaka u dik Rumena. Il-Presidenza ppreżentat xi suġġerimenti għall-abbozzar li għandhom jitqiesu mill-Istati Membri biex ikomplu jissimplifikaw id-dispożizzjonijiet.

IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAR-REGOLAMENT EMENDATORJU

Wara l-ħidma komprensiva matul il-Presidenza Awstrijaka u dik Rumena, il-Presidenza tqis li t-test tar-Regolament Emendatorju huwa ġeneralment stabbli.

Il-Presidenza ser tkompli l-konsiderazzjoni teknika tar-Regolament Emendatorju sabiex it-test isir aktar preċiż mill-perspettiva legali. B'mod partikolari, il-Presidenza għandha l-ħsieb li tkompli tiddiskuti d-dettalji tekniċi tat-tikkettar tal-inbid fil-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Agrikoli fil-25 ta' Ottubru.